# Forom ta' Gvern Lokali f'Birkirkara
## Ir-Raba' Parti: Is-Sindki (1839 - 1896)



Fl-1839, wara li kienu saru xi rakkomandazzjonijiet mill-Kummissjoni Rjali li kienet ġiet f'Malta fl-1836, saret riforma fil-qasam tal-Gvern Lokali.

Permezz ta' l-Ordinanza Nru XI ta' l-1839 il-karigi ta' logotenent u ta' deputat logotenent, stabiliti fl-1815, ġew imneħħija. Permezz ta' l-istess Ordinanza, il-kampanja ta' Malta ġiet maqsuma f'seba' distretti, u fuq kull distrett kellu jkun hemm uffiċjal bl-isem ta' Sindku, maħtur mill-Gvernatur minn fost l-Avukati. Il-poteri ġudizjarji eżerċitati mid-deputati logotenenti kellhom jiġu trasferiti lilhom [1].

L-Ordinanza kienet tgħid li:
"The Syndics, as heads of districts, shall exercise within the same respectively all the powers, perform the duties, and make to Government the reports which at present are exercised, performed or made by the deputy lieutenants as heads of their Casals [2].

Is-Sindku kellu jkun ukoll l-uffiċjal responsabbli mill-pulizija eżekuttiva fid-distrett tiegħu. Assistit mill-pulizija mqiegħda għad-disposizzjoni tiegħu, kien obbligat li jżomm il-paċi u l-buon ordni fl-istess distrett, jieħu l-passi meħtieġa biex ma tinkisirx il-liġi, jgħasses fuq persuni suspettati, jarresta lil dawk li jiksru l-liġi, jissorvelja s-swieq, u jagħmel id-dmirijiet kollha li qabel kienu jsiru mid-deputati logotenenti fil-kapaċita' tiegħu bħala uffiċjal tal-pulizija esekuttiva [3].

Fost is-seba' distretti li fihom ġiet maqsuma l-kampanja kien hemm it-tielet distrett tal-kampanja li kienu magħmula mill-irħula ta' Birkirkara, Ħ'Attard, Ħal-Balzan u Ħal-Lija [4].

Minn estimu tal-popolazzjoni li sar f'dak iż-żmien, kien indikat li dawn l-erba rħula kellhom bejn wieħed u ieħor din il-popolazzjoni:

| | | |
|---|---|---|
| Birkirkara, inklużi San Ġiljan u tas-Sliema | 5,580 | |
| Ħ'Attard | 928 | |
| Ħal-Balzan | 613 | |
| Ħal-Lija | 1,253 | |
| Total | 8,374 | [5] |

Skond l-istess Ordinanza tal-1839, is-Sindku ta' dan id-distrett kellu joqgħod f'Birkirkara, iżda s-sede tal-Qorti Distrettwali kellha tkun f'Ħal-Lija [6].

**Dr Luigi Onofrio** – Bħala l-ewwel sindku tat-Tielet Distrett, ġie maħtur l-Avukat Dr Luigi Onofrio. Maħtur fis-16 t'Awwissu 1839 [7], kif se naraw Dr Onofrio mexxa dan id-distrett għal kważi għoxrin sena.

F'Marzu ta' l-1859, Dr Onofrio kien marid. Għalhekk fis-7 ta' April 1859 huwa kiteb lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern u bagħtlu wkoll ċertifikat mediku bil-firma taż-żewġ tobba li kienu Dr Tommaso Chetcuti u Dr Antonio Cassar.

Fl-ittra Dr Onofrio talab li jingħata erba xhur *sick leave* biex jagħmel il-kura meħtieġa.

Fl-istess ittra, Dr Onofrio nforma lis-Segretarju Prinċipali tal-Gvern li s-Sindku tal-Ħames Distrett, Dr Giacomo Giappone Testaferrata, kien offra huwa stess li jwettaq minfloku id-dmirijiet tiegħu fit-Tielet Distrett b'assistenza tas-Sotto Spettur tal-Pulizija Antoine Calleja, li kellu jieħu ħsieb il-ħlas tal-ħaddiema tal-Gvern, is-sorveljanza tat-toroq u l-istituti tal-karita' u dmirijiet oħra marbuta mal-pulizija 8.

Il-leave mitlub ingħata u l-arranġamenti ippreparati minn Dr Onofrio, li x-xogħol tiegħu isir mis-Sindku tal-ħames Distrett, u mis-Sotto Spettur tal-Pulizija, ġew approvati wkoll 9. Jidher li wara li ngħata s-*sick leave* Dr Onofrio mar Napli għall-kura fejn miet fit-18 ta' Ġunju 1859 10.

Ftit jiem wara mewtu, fil-25 ta' Ġunju, il-Gvernatur Sir John Gaspard le Marchant, ħatar lil Dr Marc Antonio Bardon LLD. Bħala Sindku tat-Tielet Distett 11. Il-ħatra tiegħu kienet b'effett mill-1-VII-1859. Dr Bardon ġie mitlub biex imur il-Palazz il-Belt f'nofsinhar tal-25-VI-1859 'to be sworn in as one of the syndics of the country districts.'. Huwa baqa' f'din il-kariga sal-1880 meta ingħata il-pensjoni 12.

**Riforma oħra (1880)** Fl-1880, saret riforma oħra żgħira fil-qasam tal-Gvern Lokali permezz ta' l-Ordinanza Numru VII. Permezz ta' din l-Ordinanza, il-Gvernatur kellu s-setgħa li jnaqqas in-numru ta' Sindki, li dak iż-żmien kien ta' sebgħa u jafda lil kull wieħed minnhom bit-tmexxija ta' żewġ distretti 13.

B'riżultat ta' din l-Ordinanza permezz ta' l-avviż numru 94 tat-30 ta' Novembru 1880, in-numru ta' Sindki fil-kampanja minn sebgħa niżel għal erba', u wħud minnhom ġew afdati bir-responsabilta' ta' żewġ distretti.

B'riżultat ta' din il-bidla Dr Gaetano Darmanin, LLD, ġie maħtur Sindku tat-Tielet u tar-Raba' Distrett tal-kampanja, u kellu jisma' l-kawżi f'Birkirkara u fin-Naxxar 14. Huwa baqa' f'din l-kariga sa l-1896 15, meta l-kariga ta' Sindku fid-distretti tal-kampanja ġiet abolita permezz ta' l-Ordinanza Nru III ta' l-1896 16.

Wara li saret din l-Ordinanza, is-Segretarju Prinċipali tal-Gvern, fit-12 ta' Diċembru 1896, kiteb lill-Avukat Darmanin u nfurmah li b'rabta ma' din l-Ordinanza, il-Gvernatur ma kienx se jkollu bżonn tas-servizzi tiegħu wara l-31 ta' Diċembru 1896 17.

B'hekk spiċċat il-kariga ta' Sindku fil-kampanja ta' Malta, kariga li ġiet stabilita 97 sena wara, fl-1993.

**Winston Zammit**
**28 ta' April 2007**

1 M(alta) G(ovt) G(azette) 16-VIII-1839 pp 159, 160.
2 Ibid., p 160.
3 Ibid.
4 Ibid.
5 A(rkivju) N(azzjonali) M(alta) Duplicate Despathces 1839, Vol 18, Despatch No 48, f147R.
6 M.G.G. 16-VIII-1839, p. 161.
7 Ibid.
8 A.N.M. C.S.G. /01/ Le Marchant, Vol 16, (1859) No2254.
9 A.N.M. C.S.G. 04/ 30, No 2072 p 361, No 2073, p 361.
10 A.N.M.C.S.G. /01/Le Marchant Vol 19 (1859) No 2723.
11 A.N.M. C.S.G./04/30, No 2415 pp 512, 513. Il-hatra tieghu kienet b'effett mill-1-VII-1859. Dr Bardon ġie mitlub biex imur il-Palazz il-Belt f'nofsinhar tal-25-VI-1859 'to be sworn in as one of the syndics of the country districts.'
12 Dr M A Bardon ing_ata premju ta' £96. Taghrif fil-pusses ta' l-awtur.
13 M.G.G. 2.XI.1880, p 374 No 2878.
14 Ibid., 30.XI.1880, p 445.
15 M.G.G. 22.XI.1890 p 539, 17.IX.1895.
16 A.N.M., C.S.G. 101/Freemante Vol 87 (1896) No 13120.
17 Dr Gaetano Darmanin inghata pensjoni ta' £166.13s4d li kienet ekwivalenti għaż-żewġ terzi tas-salarju li kellu. Tagħrif fil-pussess ta' l-awtur.